MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Appell Civili Numru. 211/2005/1

**Gasan Enterprises Limited**
**kif inkorporata s-socjeta` C. B. Motors Limited**

**vs**

**Georgina Meli, Mary Rose Buttigieg, Isabella Attard u Patricia Meli**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta’ April, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “Il-Qorti,
>
> Rat li s-socjeta attrici pprezentat avviz fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-erbatax ta’ April 2005, fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lil konvenuti in solidum bejniethom u jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ erbat elef, mija u tmienja w erbghin lira

maltin u tmienja w tmenin centezmu [LM 4,148.88] liema somma hija dovuta skond erbgha w ghoxrin [24] kambjala ffirmat minn Anthony Meli, illum mejjet, billi huma jigu l-werrieta tieghu u li kopja taghhom giet esibita, liema kambjali kollha skadew izda baqghu ma thallsux, nonostante li gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata sitta w ghoxrin ta' Jannar 2005 kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala.

Rat li Marlene Buttigieg u Isabelle Attard f'isimha proprju u bhala legittima rapprezentata ta' ohtha l-interdetta Patricia Meli pprezentaw nota ta' eccezzjonijiet fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-erbgha ta' Mejju 2005, fejn eccepew:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma accettaw l-eredita tal-mejjet Anthony Meli bil-beneficcju tal-inventarju skond digriet numru 162/05 tat-tlettax ta' April 2005, kif mahrug mill-Qorti Civili [Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja], w ghalhekk huma m'humiex responsabbli ghal hlas ta' kwalsiasi dejn qabel huma ma jkunu jafu fic-cert x'assi kellu Anthony Meli.

2. Illi l-assi tal-mejjet Anthony Meli huma f'idejn Georgina Meli li huwa nnomina bhala legatarja tieghu fejn hallielha kwazi gidu kollu waqt li d-debiti kollha kellhom jigu assunti minn uliedu, u dan skond zewg testmenti fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Sammut tat-tlettax ta' Marzu 2002 u tas-sitta w ghoxrin ta' Marzu 2004 maghmula mill-mejjet missierhom Anthony Meli li miet fl-erbgha w ghoxrin ta' Mejju 2004.

3. Illi huma b'ittra ufficjali tal-erbgha ta' Settembru 2004, interpellaw lil Georgina Meli

taghtihom informazzjoni fuq l-eredita tal-mejjet missierhom Anthony Meli u fuq l-konsistenza tal-assi tieghu kif wkoll biex tersaq f'kaz li l-eredita hija attiva, ghal likwidazzjoni tal-eredita fuq imsemmija.

4. Illi l-imsemmija Georgina Meli ma wegbitx ghal din l-ittra ufficjali.

5. Illi in mertu d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-mejjet Anthony Meli ma kellu jaghti xejn lil atturi peress li kienu l-atturi jew socjetajiet relatati li kienu debituri tal-istess Anthony Meli fis-sens li huwa kien lahaq intavola Citazzjoni Numru 681/03 JRM fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Anthony Meli et vs Gasan Insurance Agency Limited differita ghas-smiegh ghas-seduta tat-tnejn w ghoxrin ta' Gunju 2005 fejn l-imsemmi Anthony Meli talab l-pagament tad-danni sofferti skond kuntratt ta' polza t'assigurazzjoni fuq karozza Volvo li huwa kien xtara minghand l-atturi u li nsterqet w inharqet. Illi Gasan Insurance Agency Limited ma hallsitx lil missier l-konvenuti minkejja l-polza tal-assigurazzjoni u huwa waqqaf l-pagamenti fuq l-istess karozza.

6. Illi huma m'humiex preparati jhallsu kwalsiasi dejn ta' Anthony Meli jekk l-eredita tieghu m'hijiex attiva w ghalhekk m'ghandhomx jigu kundannati biex ihallsu l-istess sa zmien ghaxar snin mill-mewt tal-istess Anthony Meli u cioe sa zmien meta huma jistghu jitolbu b'divizjoni l-assi li ghandhom jippervjenu lilhom mill-wirt tal-istess Anthony Meli.

7. Illi ghalhekk l-azzjoni odjerna hija ntempestiva u ma tistax tigi mmexxija kontra taghhom ghax sal-gurnata ta' llum huma m'humiex f'posizzjoni biex jaccettaw l-eredita sic et simpliciter w ghalhekk t-talba attrici ghandha tigi respinta kontra l-istess attur.

8. Salv eccezzjonijiet ohra.

Illi nhar s-sitta ta’ Mejju 2005, l-konvenuta Georgina Meli ipprezentat in-nota t’eccezzjonijiet taghha fir-Registru ta’ din il-Qorti fejn eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament qed jigi rilevat li hemm pendenti quddiem l-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili, kawza fl-ismijiet inversi bin-numru ta’ referenza 681/03JRM li tittratta l-istess mertu tal-kawza odjerna w ghalhekk jehtieg li jkun hemm ezitu f’dik il-kawza qabel ma tipprocedi l-kawza fl-ismijiet premessi, senjatament minhabba l-fatt li l-ezitu tal-kawza fl-ismijiet inversi ser tinfluwixxi fuq l-ezitu tal-kawza odjerna.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjes kontra l-istess socjeta attrici in kwantu hija rivolta fil-konfront tal-eccipjenti Meli stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress li ai termini tat-testment pubbliku tad-defunt Anthony Meli datata tlettax ta’ Marzu 2002 in atti Nutar Dottor Mark Anthony Sammut, l-eccipjenti ma gietx istitwita bhala eredi universali tad-defunt Meli w ghalhekk ma tistax titqies debitrici tas-socjeta attrici u dan kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessi mill-ligi.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Gunju 2005, dehru l-kontendenti u qablu li c-citazzjoni numru 681/03 quddiem il-Prim’Awla mhux diretta kontra l-kumpanija attrici izda kontra terzi u li f’dik l-kawza, t-trasfuzjoni tal-gudizzju saret biss fil-persuna ta’ Georgina Meli u mhux f’uliedha li jinsistu li m’accettawx inkondizzjonalment il-wirt ta’ Anthony Meli.

Illi fil-wiehed u ghoxrin ta’ Ottubru 2005, il-konvenuta Georgina Meli pprezentat zewg testmenti unica charta datati tlettax ta’ Marzu 2002 u sitta w ghoxrin ta’ Frar 2004 li gew mmarkati bhala dokumenti GM 1 u GM 2 rispettivament.

Illi minn ezami tat-testment unica charta dokument GM 1 esibit a fol 22 tal-atti processwali jirrizulta li l-eredi ta’ Anthony Meli hija martu Georgina u dan in kwantu ghal uzu u l-usufrutt tal-gid kollu li kellu, filwaqt li huwa halla b’titolu ta’ legat in piena w assoluta proprjeta lil martu Georgina certi proprjetajiet u assikurazzjoni hemm deskritt fl-istess testament. Halla bhala werrieta universali u padruni assoluti tal-gid kollu tieghu lil uliedu Mary Rose Buttigieg, Isabelle Attard u Patricia Attard fi kwota ndaqs bejniethom.

Minn qari tat-testment unica charta datat sitta u ghoxrin ta’ Frar 2004, Anthony Meli ghamel xi emendi ghat-testment fuq imsemmi u antecedenti ghal dan, w ordna li dan it-tieni testament modifikatorju ghandu jinqara flimkien mat-testment precedenti tieghu bhalikieku wiehed sa fejn ma hemmx inkompatibilita bejn it-tnejn.

Illi fit-tieni artikolu ta’ dan l-ahhar testment, Anthony Meli halla b’titolu ta’ legat lil martu Georgina l-flus li setghu ippervjenew lilu mill-kawza li kien fetah dwar il-karozza li kellu qabel peress li dik il-karozza kienet sfat mahruqa.

Ghal bqija Anthony Meli rratifika l-bqija tat-testment sucitat tieghu mal-mara in toto.

Illi fl-20 ta’ April, 2006 il-konvenuti Isabelle Attard, f’isimha proprju u f’isem ohtha l-interdetta Patricia Meli u Maryrose Buttigieg ipprezentaw kopja legali tan-nota li kienet giet ipprezentata minnhom fit-2 ta’ Marzu, 2006 fil-Qorti Civili – Sezzjoni ta’ Gurisdizzjoni Volontarja li permezz taghha huma kienu irrinunzjaw ghall-eredita ta’ missierhom

Anthony Meli. Ma l-istess nota ta' l-20 ta' April, 2006 ezebew kopja legali tad-digriet datat 14 ta' Dicembru, 2004 moghti mill-Qorti Civili – Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja fejn il-konvenuta Isabella Attard giet nominate kuratrici ta' ohta l-interdetta Patricia Meli.

Illi jirrizulta ukoll mill-atti illi fit-13 ta' April, 2005 il-konvenuti b'eccezzjoni ghal konvenuta Georgina Meli iddikjaraw li kienu qed jaccettaw il-wirt ta' missierhom Anthony Meli.

Illi s-socjeta attrici nhar il-wiehed w ghoxrin ta' April 2006, ipprezentat nota b'erbgha w ghoxrin [24] kambjala iffirmati minn Anthony Meli [fol 38 et seq].

Illi fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 2006 il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi. Fil-15 ta' Novembru, 2006 il-konvenuti salv u b'eccezzjoni ghal Georgina Meli pprezentaw nota f'dawn l-atti w esponew is-segwenti:

1. Illi l-artikolu 884 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddisponi li jekk ikun hemm talba gudizzjara kontra werriet li fil-fatt ma jkollux l-assi tal-wirt f'idejh u ma jkunx indahal fih, z-zminijiet fl-artikoli 881, 882 u 883 tal-Kap 16, sabiex jaghmel l-inventarju u jahsibha sabiex jaccetta jew le jibdew ghaddejjin biss minn dik l-gurnata li tigi moghtija mill-Qorti. Jekk ma jkunx hemm ebda talba gudizzjarja kontra l-werriet, huwa jibqaghlu l-jedd li jaghmel l-inventarju sabiex jaccetta l-wirt ma jkunx spicca l-preskrizzjoni;

2. Illi qatt ma kien hemm talba minn ebda hadd mill-partijiet sabiex jigi impost lilhom termini ghal accettazzjoni tal-eredita;

3. Illi anzi r-rikorrenti accettaw l-eredita bil-beneficcju tal-inventarju xahar wara ma bdew dawn il-proceduri u xi sena wara l-mewt ta'

missierhom li kien mizzewweg lit-tieni mara tieghu u mhux ommhom il-konvenuta Georgina Meli;

4. Illi l-assi tal-mejjet Anthony Meli kienu fil-pussess ta' Georgina Meli u ta' hadd aktar u huma lanqas ma kienu jafu x'konsistenza kienu jiffurmaw l-assi tal-mejjet missierhom tant li minkejja li huma talbu lil Georgina Meli tinfurmahom bl-assi tal-eredita tal-mejjet missierhom hija baqghet inadempjenti;

5. Illi skond l-artikolu 845 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-perjodu preskrittiv tal-accettazzjoni ta' eredita hija ta' ghaxar snin u ghalhekk altru huma fit-terminu biex huma jaccettaw jew jirrinunzjaw l-istess eredita bil-beneficcju tal-inventarju;

6. Illi ghalhekk r-rinunzja taghhom hija valida skond l-ligi u mhux preskrivibbli bil-perjodu ta'sitt xhur kif sostnut mill-konvenuta fil-kawza Georgina Meli.

Illi nhar l-hdax ta' April 2002, dehru l-partijiet w ttrattaw l-kawza w awtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi migbura.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta nhar 1 ta' Frar 2007 u ghalhekk b'digriet tagha tal-14 ta' frar 2007 talbet lil-kontendenti jidhru quddiemha u jghamlu xi sottomissjonijiet qabel ma tghaddi ghs-sentenza.

Illi nhar l-14 ta' April 2007 dehru l-avukati difensuri tal-partijiet u trattaw il-kawza u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza, s-socjeta attrici qeghda titlob lill-Qorti sabiex il-konvenuti jigu ikkundannati jhgallsuha s-somma ta' Lm4148.88 u dan 24 kambjala li kienu gew iffirmati u accettati mid-

decujus Anthony Meli. Minkejja li huma gew interpellati diversi drabi, il-konvenuti baqghu inadempjenti.

Issa f'dan il-kaz il-konvenuta Georgina Meli qeghda titlob lill-Qorti sabiex hija tissoprasjedi f'din il-kawza u dan peress illi fi kliemha stess "*l-ezitu fil-kawza fl-ismijiet inverse ser tinfluwixxi fuq l-ezitu tal-kawza odjerna*". Din il-kawza li taghmel referenza ghalija l-konvenuta Georgina Mali hija dik fl-ismijiet Anthony Meli et vs Gasan Mamo Insurance Agency Limited (Cit. Nru. 681/03JRM).

Fuq dan il-punt il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) per Onor. Imh. Ph. Sciberras nhar l-10 ta' Ottubru, 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Francis Xuereb pro et noe vs Kontrollur tad-Dwana** fejn inghad illi "*In linea generali, huwa pacifiku illi l-provvediment tas-soprassessjoni huwa ndikat ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta sa din is-soluzzjoni. Tali provvediment ordinatorju huwa rimess ghad-diskrezzjoni tal-gudikant skond ic-cirkostanzi specjali tal-kaz*".

Inghad ukoll mill-istess Onorabbli Qorti fit-12 ta' Novembru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Calamatta et vs Mario Darmenia et** illi "*Hi gurisprudenza sekolari illi s-soprasessjoni hi ammessa u ghandha tigi dekretata meta din tkun spedjenti. Spedjenti fis-sens fejn il-kwestjoni involuta fil-kawza pendenti quddiem Qorti ohra hija tali li d-decizjoni tista' tinfluwixxi "a planta pedis" fuq il-meritu tal-azzjoni prezenti.*

*Minn dan johrog car illi "s-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-ezitu ta' kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun*

*hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta' din id-dipendenza".*

*Il-provvediment tas-soprasessjoni huwa allura ndikat ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjonital-kawza li tigi soprasseduta sa dik is-soluzzjoni.*

*Tajjeb pero` li jigi kawtelat illi "s-soprasessjoni minhabba eccezzjoni, sabiex l-eccezzjoni tkun dedotta u kombattuta f'gudizzju separat, huwa rimedju straordinarju, li ghalih il-Qorti tirrikorri biss meta hu mehtieg fl-interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja x'hin tinqala' xi kwestjoni delikata u gdida li d-decizjoni taghha tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-ezitu tal-kawza, u fl-istess hin ma tistghax tigi ezaminata fl-istess kawza, jew minhabba n-natura guridika taghha ma jkunx konvenjenti li tigi ezaminata u deciza hlief f'kawza ohra separata li tkun trid tigi proposta appozitament".*

*Issa hu minnu li l-provvediment tas-soprasessjoni, kif pacifikatament akkolt, hu moghti lill-Qorti fl-ezercizzju tal-poteri diskrezzjonali taghha relattivi fil-procediment ordinatorju tal-gudizzju. Din ir-rimessjoni ghad-diskrezzjonital-gudikant tiddependi pero` mic-cirkostanzi partikolari u specjali ta' kull kaz*".

F'dan il-kaz, <u>skond ma jirrizulta mill-atti processwali</u> l-istess konvenuta ma ressqet l-ebda prova dwar in-natura tal-kawza pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili u ghalhekk din il-Qorti ma hijiex ser takkolji din l-eccezzjoni. Il-konvenuta naqset milli tipprova id-dipendenza jew il-potenzjalita ta' din id-dipendenza ta' din il-kawza fuq il-kawza minnha citata.

Illi dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Maryrose Buttigieg u Isabelle Attard kemm f'isimha proprju u kemm bhala legittima rapprezentanta ta' ohtha l-interdetta Patricia Meli din il-Qorti tghid illi l-ewwel hames eccezzjonijiet huma iktar ta' natura fattwali u dan fis-sens illi qeghdin jispjegaw il-fatti jew il-ligi fil-qosor. Tant huma fatti illi s-socjeta attrici lanqas biss ikkontestat il-kontenut taghhom.

Illi dwar is-sitt eccezzjoni taghhom, din il-Qorti, bl-akbar rispett, illi din ma hijiex il-posizzjoni legali korretta. Ghalkemm huwa minnu li l-eredi ghandhom terminu ta' ghaxar snin sabiex jitolbu d-divizjoni ta' l-assi tad-decujus, f'dan il-kaz, jirrizulta illi l-konvenuti, ulied id-decujus Anthony Meli, kienu fit-13 ta' April, 2005 accettaw il-wirt devolut lilhom mill-imsemmi decujus Anthony Meli. Sussegwentement, fit-2 ta' Marzu, 2006 l-istess ulied ahwa Meli irrinunzjaw ghal wirt u zammew ferm id-dritt ta' legittima spettanti lilhom skond il-ligi. F'din l-ahhar nota inghad illi l-ahwa Meli kienu "*ghazlu li jaccettaw il-wirt bil-benficcju ta' l-inventarju b'nota ipprezentata fit-13 ta' April, 2005 u li ghandu d-digriet numru 162/2005*". Din il-Qorti rat din in-nota tat-13 ta' April, 2005 esebita a fol. 25 ta' l-atti u tghid <u>illi mill-kopja legali tad-digriet 162/2005 ma hemm imkien indikat li l-konvenuti ahwa Meli accettaw il-wirt ta' missierhom bil-beneficcju ta' l-Inventarju</u>. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta illi huma accettaw l-eredita ta' missierhom bl-attiv u bil-passiv ta' dan il-wirt.

Illi l-istess haga ukoll dwar is-seba' eccezzjoni tal-konvenuti ulied id-decujus Anthony Meli. Ma jistax jkun illi huma jsostnu li l-azzjoni odjerna hija intempestiva u dan meta huma stess jaghmlu dikjarazzjoni <u>gurnata qabel ma giet ipprezentata l-kawza odjerna</u> fil-Qorti Civili Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja illi kienu qeghdin jaccettaw il-wirt ta' missierhom meta fir-rejalta ukoll, tali dikjarazzjoni, kif formulate, qatt ma kienet legalment necessarja.

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta illi l-konvenuti Isabella Attard kemm proprio u kemm f'isem ohtha l-interdetta Patricia Meli u Mary Rose Buttigieg huma l-eredi tad-decujus Anthony Meli.

Jifdal ghalhekk x'jigi deciz it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta Georgina Meli, mart l-istess decujus u cioe li hija ma hijiex eredi universali ta' zewgha izda biss legatarja.

Illi minn ezami tal-kambjali esebiti mis-socjeta attrici jirrizulta illi l-istess kambjali gew iffirmati biss minn Anthony Meli. Illi ukoll minn qari taz-zewg testmenti esebiti fl-atti processwali u li gew immarkati bhala DOk. GM 1 u Dok. GM 2 jirrizulta illi l-konvenuta Georgina Meli hija legatarja ta' zewgha Anthony Meli u allura mhux werrieta. Konsegwentement ghalhekk it-tieni eccezzjoni taghha qeghda tigi milqugha.

Illi ghalhekk f'dan il-kaz, huwa l-konvenuti Isabella Attard kemm proprio u kemm f'isem ohtha l-interdetta Patricia Meli u Mary Rose Buttigieg huma l-eredi tad-decujus Anthony Meli u huma dawn li jridu jirrispondu ghad-dejn ta' missierhom u dan bhala eredi tieghu.

Jirrizulta ukoll illi s-socjeta attrici ippruvat il-kreditu taghha u hadd mill-konvenuti ma ressaq xi prova kontrarja ghal dan.

Ghaldaqstant in vista tal-premess, din il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni ta' georgina Meli, tilqa t-tieni eccezzjoni taghha u tiddikjara li hija ma ghandha taghti l-ebda ammont lis-socjeta attrici, qeghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra kollha u cioe ta' Isabella Attard kemm proprio u kemm f'isem ohtha l-interdetta Patricia Meli u Mary Rose Buttigieg u filwaqt li tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici tikkundanna lill-istess konvenuti

> Isabella Attard kemm proprio u kemm f'isem ohtha l-interdetta Patricia Meli u Mary Rose Buttigieg sabiex jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' erbat' elef mija tmienja u erbghin liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm4,148.88) bl-ispejjez kollha kontrihom inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 26 ta' Jannar, 2005 inkluz l-imghaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala esebita."

Hlief ghal Georgina Meli, il-konvenuti l-ohra appellaw minn din is-sentenza biex jitolbu r-revoka taghha ghal motivi infraskritti:-

(1) L-ewwel Qorti kienet skorretta meta rriteniet li huma ma accettawx il-wirt ta' missierhom bil-beneficcju ta' l-inventarju;

(2) Akkoppjat ma' dan hemm il-fatt li l-konvenuta Patricia Meli, *qua* interdetta, ma setghetx ma taccettax, tramite l-kuratrici taghha, hlief bil-beneficcju ta' l-inventarju;

(3) Is-socjeta` attrici kreditrici kellha mezzi ohra disponibbli skond il-ligi. Jew li titlob lill-Qorti li jigi impost lilhom terminu biex jiddikjaraw jekk jaccettawx il-wirt jew jirrinunzjawx ghalih, fit-termini ta' l-Artikolu 868, Kodici Civili jew li jigi impost terminu ghall-prezentata minnhom ta' l-inventarju. F' dan il-kuntest jissottomettu illi la ma ntalbetx il-wahda jew l-ohra huma ma jistghux jitqiesu li ddekadew minn xi terminu ghal prezentata ta' l-inventarju jew ghar-rinunzja ta' l-eredita`;

Anke jekk is-sentenza tikkontjeni riproduzzjoni kwazi fidila tac-cirkustanzi partikulari ta' dan il-kaz, il-Qorti thoss li ma jkunx inopportun jekk dawn jigu replikati ghall-kwadru aktar preciz taghhom u dawk tal-konsiderazzjonijiet li jridu jsiru dwarhom. Brevement, dawn qed jigu hekk rijassunti:-

(1) Anthony Meli, debitur tas-socjeta` attrici fil-kwalita` indikata fl-Avviz, miet fl-24 ta' Mejju 2004 b' zewg testmenti *unica charta* ma' martu, il-konvenuta Georgina Meli, datati rispettivament it-13 ta' Marzu 2002 u s-26 ta' Frar 2004. Permezz taghhom l-imsemmija konvenuta giet istitwita legatarja ta' gidu filwaqt li l-konvenuti l-ohra, uliedu, nominati b' werrieta universali tieghu;

(2) B' digriet tal-Qorti Civili, sessjoni Gurisdizzjoni Volontarja, ta' l-14 ta' Dicembru 2004 l-konvenuta Patricia Meli giet dikjarata interdetta mill-atti kollha tal-hajja civili minhabba mard mentali u ohtha Isabelle Attard nominata kuratrici taghha;

(3) Fit-13 ta' April 2005 ulied id-debituripprezentaw Nota fl-istess Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja li biha iddikjaraw li qeghdin jaccettaw il-wirt ta' missierhom. Fuq dan l-att jinsab ulterjorment annotat taht il-firma tad-Deputat Registratur Marcel Bugeja illi huma halfu bil-gurament li jiddeskrivu fedelment, onestament u bir-reqqa l-assi ta' Anthony Meli;

(4) L-ghada ta' din in-Nota s-socjeta` attrici intavolat l-odjerna kawza;

(5) Fil-mori tal-gudizzju quddiem l-ewwel Qorti, u precizament fit-2 ta' Marzu 2006, il-konvenuti, ulied id-debitur, intavolaw Nota, dejjem fir-Registru tal-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja li permezz taghha ddikjaraw li kienu qeghdin jirrinunzjaw ghall-wirt ta' missierhom, b' dan li zammew ferm id-dritt taghhom ghal-legittima;

Fuq l-interpretazzjoni taghha tad-digriet tat-13 ta' April 2005 (Numru 162/05) l-ewwel Qorti ddisponiet mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti billi ddeterminat illi la minn imkien minn Nota ma kien indikat illi l-ulied kienu qed jaccettaw il-wirt devolut lilhom bil-beneficcju ta' l-inventarju dan kellu jigi eskluz. L-istess Qorti ghaddiet ukoll biex tirrespingi l-intempestivita` opposta fuq l-assunt li l-appellanti accettaw il-wirt ta' missierhom, b' zieda bil-

kliem "meta fir-realta` wkoll, tali dikjarazzjoni, kif formulata, qatt ma kienet legalment necessarja";

Jigi rilevat b' introduzzjoni ghal materja in diskussjoni "*che nessuno è tenuto ad accettare una eredita` che gli sia devoluta, cioe alla quale egli fosse chiamato o per legge o per testamento (Articolo 548, Ordinanza VII del 1868,* illum Artikolu 846, Kodici Civili*) e il chiamato all' eredita` puo accettare la eredita` devolutagli sia puramente, sia col beneficio dell' inventario (*Artikolu 549 ta' l-Ordinanza msemmija, illum Artikolu 847, Kapitolu 16*) e durante i termini per fare l' inventario, benche riputato curatore di diritto dell' eredita`, e vi sia stata da parte sua eccettazione dell' eredita`, pur tuttavia egli non è tenuto a assumere la qualita` di erede (Articolo 606,* illum Artikolu 903*) perche la sua accettazione sarebbe provvisoria e condizionale, dipendente, cioe`, dal fatto della sua susseguente accettazione definitiva, siccome terminato l' inventario - (purche fatto entro tre mesi dell' aperture della successione, o secondo i casi, entro il termine fissatogli dalla Corte, o in taluni casi finche non sia trascorso il tempo utile per l' accettazzione dell' eredita) (Articolo 584 e 587,* illum Artikolu 881 u 884, Kodici Civili*) - egli ha il termine ulteriore di quaranta giorni 'per deliberare', e, cioe`, per dichiarare definitivamente se egli accetti o rinunzi all' eredita` (articolo 586 Ordinanza citata,* illum Artikolu 883, Kapitolu 16*). Il fatto suddetto della accettazione condizionale colla cautela dell' inventario costituisce il motivo di diritto per cui il chiamato all' eredita`, entro i termini suddetti, pur non essendo egli ancora erede vien considerato dalla legge come curatore di diritto all' eredita`'"* ("**Oscar Azzopardi *et* -vs- Dr. Alfredo Fabri, quale Esecutore Testamentario",** Prim' Awla, Qorti Civili, 22 ta' Jannar 1931, **Vol. XXVIII P II p 23**;

Il-Qorti irriproduciet estensivament din is-silta mis-sentenza citata ghaliex deherilha illi din toffri introspezzjoni preliminari preciza ta' certi principji tal-ligi in materja ta' accettazzjoni ta' eredita`. Naturalment, id-

dekorriment tat-termini fuq imsemmija huma dipendenti fuq jekk il-werriet ikollu jew le l-assi tal-wirt f' idejh [Artikolu 884 (1)];

Issa, kif gja espost, l-ewwel Qorti stabbilit illi n-Nota pprezentata mill-appellanti fit-13 ta' April 2005 kienet tekwivali ghall-accettazzjoni pura. Ma' din il-konkluzjoni din il-Qorti rispettosament ma taqbelx, u dan ghas-segwenti riflessjonijiet:-

(1) L-istess Qorti korrettement irrilevat illi dik id-dikjarazzjoni ta' l-appellanti kif ifformulata fin-Nota ma kienetx legalment necessarja. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti kellu jinduciha biex tippresta aktar attenzjoni lil fatt illi fuq dik l-istess Nota huma ddikjaraw ukoll, bil-gurament taghhom, illi kellhom jiehdu hsieb jiddeskrivu jew jinventarjaw l-assi tad-defunt missierhom b' mod adegwat u fidil. Dan ukoll ghaliex skond il-ligi jekk jinstabu li naqsu b' qerq li jdahhlu hwejjeg tal-wirt fl-inventarju huma jaqghu mill-beneficcju ta' l-istess inventarju (Artikolu 889, Kodici Civili);

(2) Mhux dan biss, pero`. Anke minghajr ix-xhieda tad-Deputat Registratur Marcel Bugeja riportata fl-Affidavit anness b' mod irregolari mar-rikors ta' l-appell, kellu jkun ukoll sew ovvju ghal dik il-Qorti illi gjaladarba fost l-appellanti kien hemm wahda inkapaci, l-accettazzjoni tal-wirt ma setghetx legittimament issir mill-kuratrici f' isimha hlief bil-beneficcju ta' l-inventarju (Artikolu 848, Kodici Civili), u peress, allura, li kwalunkwe mod iehor ta' accettazzjoni huwa null id-dikjarazzjoni f' dik in-Nota ma setghet qatt tinduci ghall-accettazzjoni pura, sija espressa jew tacita, ta' l-eredita. Ara **Kollez. Vol. XXX P II p 256** u **Vol. XXXVIII P II p 551**. Anke minn dan, din il-Qorti, bir-rispett dovut, ma ssibx perswasiv l-argoment migjub fis-sentenza appellata. Il-portata legali ta' l-att b' dik in-Nota ma jistax, anke ghal din ir-raguni, jammonta ghal haga ohra hlief dik ta' l-accettazzjoni bil-beneficcju ta' l-inventarju. Huwa veru li l-appellanti naqsu milli *expressis* jiddikjaraw dan f' dik in-Nota imma dan, kemm ghar-rilevanza maghmula mill-istess l-ewwel Qorti,

kemm ghar-raguni ta’ l-inkapacita` ta’ wahda minnhom, kellu jkun hekk induttiv;

Anke jekk mhux strettament rilevanti ghall-iskop ta’ din il-kawza, kif kanonizzat bl-Artikolu 890, Kodici Civili l-effett ta’ l-accettazzjoni ta’ l-eredita` bil-beneficcju ta’ l-inventarju hu dak li l-eredi izomm separat u distint il-patrimonju partikolari tieghu minn dak ta’ l-eredita`. Ara “**Elvira Ciantar Vincenti -vs- William Portelli *et***”, Qorti tal-Kummerc, 20 ta’ April 1933. Kif insenjat mil-**Laurent**, (“**Principii di Diritto Civile**”, Vol. X para. 90 pagna 85), “*Il principio sarebbe dunque questo: l’ erede beneficiato è erede, dunque rappresenta il defunto e continua la sua persona. A questo titolo, egli è tenuto al pagamento dei debiti; ma non vi è tenuto sovra i suoi beni personali, potendosi procedure soltanto sovra i beni dell’ eredita … l’ accettazione beneficata impedisce questa confusione dei beni e fa che l’ erede possiede due patrimoni, quello del defunto ed il suo, e il beneficio d’ inventario gli da il vantaggio di non essere tenuto per i debiti che sui beni dell’ eredita`.*” Ara a propozitu s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede Civili, tat-2 ta’ Lulju 1934 in re: “**Elvira Ciantar Vincenti -vs- Emilia vedova Valentini**”. Kif sewwa mbaghad rilevat, l-accettazzjoni b’ dak il-beneficcju tiprospetta diversi possibilitajiet ta’ x’ jista` jaghmel l-eredi li jaccetta l-wirt bil-beneficcju msemmi u xi drittijiet ghandu l-kreditur b’ diversi eventwalitajiet. Ara “**Paul Azzopardi *nomine* -vs- Guido Falzon**”, Appell Kummercjali, 20 ta’ Lulju, 1994;

Li jgib ghall-finijiet ta’ l-azzjoni prezenti illi s-socjeta` appellata setghet tipprevalixxi ruhha mid-dispost ta’ l-Artikolu 884 (1) anke ghal kaz fejn il-werrieta ma jkollhomx l-assi tal-wirt f’ idejhom u ma jkunux immiskjaw ruhhom fih. Is-socjeta` appellata ma ressqet ebda talba biex jigi impost zmien biex il-konvenuti appellanti jaghmlu l-inventarju u lanqas biex jahsbuha jekk jaccettawx il-wirt jew le. Intant fil-mori tal-kawza kienu l-istess appellanti li pprecipitaw il-qaghda billi ghaddew biex b’ Nota separata (2 ta’ Marzu 2006) definittivament irrinunzjaw ghall-wirt ta’

missierhom. Tali possibilita` kienet dejjem permessa lilhom mill-Artikoli 883 u 884 kombinati flimkien, ghax kif enuncjat mill-Qorti ta' l-Appell, sede Inferjuri, fil-kawza "**Alfredo Farrugia -vs- Giuseppe Borg Carabott *et***", (19 ta' Gunju 1937) "id-dikjarazzjoni biss (ta' accettazzjoni tal-wirt bil-beneficcju ta' l-inventarju) ma tekwivalix ghal dak li trid il-ligi, illi cjoe l-imsejjah ghall-wirt ikun immiskja ruhu fil-wirt, imma hija semplicement '*una dichiarazione d' animo*' … . Infatti skond l-Artikolu 587 (illum 884) ghal dak li jirrigwarda l-imsejjah ghall-wirt li jkun ghamel id-dikjarazzjoni li jaccetta l-wirt bil-beneficcju ta' l-inventarju, u li ma jkunx pero` fil-pussess tal-wirt, u anqas ikun imdahhal fih, it-termini fuq imsemmija (fl-Artikoli 881, 882 u883) ma jibdewx jghaddu hlief meta jkunu fissati mill-Qorti, u f' dan il-kaz ma giex pruvat illi kien hemm din il-fissazzjoni ta' dawn it-termini … Kwindi Antonia (il-konvenuta) setghet tirrinunzja ghall-wirt avolja kienet ghamlet qabel id-dikjarazzjoni li taccettah bil-beneficcju ta' l-inventarju";

Fid-dawl ta' dawn ir-riflessjonijiet kollha din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti ma setghetx tichad id-difiza ta' l-appellanti li huma accettaw il-wirt ta' missierhom bil-beneficcju ta' l-inventarju u, konsegwentement, anke fil-perspettiva tar-rinunzja ghall-istess wirt, l-istess l-ewwel Qorti ma setghetx tghaddi biex tikkundannhom bhallikieku dawn il-fatti u cirkustanzi ma kienux jezistu.

Fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha superjorment maghmula din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata. Tiddikjara li l-imharrka appellanti ma humiex eredi ta' Anthony Meli ghar-ragunijiet premessi u konsegwentement tirrigetta d-domanda tas-socjeta` appellata fil-konfront taghhom, salv kull dritt iehor ta' azzjoni spettanti lilha skond il-ligi kontra l-wirt battal ta' l-istess Anthony Meli. Fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz huwa gust u xieraq illi l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew indaqs bejn l-appellanti u s-socjeta` appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------